MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 13/2012

**Nutar Dr. Joanne Cauchi**

**Vs**

**Loreto Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-27 ta' April, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn hames mija sitta u tmenin euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta' euro [€2,586.23c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u erba' (2004) fuq inkarigu tal-konvenut, in-Nutar attriċi ippreparat u ippubblikat kuntratt ta' donazzjoni bejn Emanuel u Geswalda Buttigieg u l-istess intimat Loreto Buttigieg (kopja annessa dok JC 1).

Illi wara li sar il-kuntratt, in-Nutar talbet lill-intimat biex jaghtiha l-flus rappreżentanti l-boll dovuta minnu fuq il-kuntratt, sabiex setghet tinsinwa l-istess att, liema boll pagabbli kien fl-ammont ta' elfejn tlett mija u tletin euro (€2330.00) kif ukoll is-somma ulterjuri ta' mitejn u sitta u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€256.23) dovuta lilha bhala drittijiet u spejjes tal-kuntratt imsemmi.

Illi wara li l-intimat naqas milli jaghtiha dan il-pagament, in-Nutar harget il-flus rappreżentanti l-hlas tal-boll minn butha, insinwat l-att ta' donazzjoni u effetwat il-pagament tal-boll relattiv fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) – (irċevuta annessa Dok JC 2).

Illi minkejja li nterpellat lill-intimat diversi drabi ghar-rifuzjoni ta' dan il-hlas, u ghall-hlas dovut lilha, anki permezz ta' diversi ittri uffiċjali, il-konvenut qed jirrifjuta li jhallas dan l-ammont.

Ghaldaqstant l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont komplessiv dovut ta' elfejn hames mija u sitta u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€2586.23) dovuti kif fuq spjegat, flimkien mal-imghax legali dovut mit-28 ta' Dicembru 2011 sad-data tal-hlas relattiv u flimkien ma l-ispejjes ta' din il-procedura u l-ispejjes ta' l-ittra uffiċjali preżentati fis-27 ta' Gunju 2008 numru 409/2008 u fit-18 ta' Novembru 2011 numru 776/2011 u dik bil-procedura tal-166A preżentata fis-26 ta' Marzu 2012 numru 26/2012".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-2 ta' Lulju, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi t-talba attriċi hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost it-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra d-digriet datat 12 ta' Lulju, 2012 fejn il-Gudikatur Dottor Kevin Mompalao astjena milli jisma dan il-kaz u dan minhabba raġunijiet validi fil-ligi.

Ra l-verbal datat 20 ta' Gunju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghal-lum stess;

Ra x-xhieda;

Ra l-atti kollha esebiti inkluż id-dokumenti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidra:-

1. Fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012 xehdet ir-rikorrenti n-Nutar Dr. Joanne Cauchi. Hija qalet li kienet in-Nutar li ppubblikat il-kuntratt ta' donazzjoni datat 30 ta' Gunju, 2004 bejn Emanuel Buttigieg u l-intimat (fol. 5). Tistqarr li dak in-nhar li gie ippublikat il-kuntratt fit-30 ta' Gunju, 2004 missier l-intimat kien serjament ma jiflahx, u hi kienet henniet ghal-intimat u baghtitu lil hemm biex imur fejn missieru u qaltlu sabiex imur gurnata ohra biex ihallas it-taxxa u l-bolla.

In-Nutar qalet ukoll li hija kienet baghtet ittra registrata lil intimat sabiex ihallas it-taxxa u l-boll li kienet dovuta. Dan apparti ittri normali ohra li fihom kull darba fakritu sabiex jaghmel dan. L-intimat, tkompli tghid in-Nutar, kien mar diversi drabi ghandha l-ufficju sabiex hi taghtih kopja tal-kuntratt fuq imsemmi, iżda r-risposta taghha kienet tkun li hi ma kienitx se taghtih il-kopji tal-kuntratt qabel ma hu jhallas.

2. Ziedet tghid li fi Frar tas-sena 2011 kien ikkomunika maghha l-avukat Dr. John Ludovic Gauci ghan-nom tal-intimat u wara d-diskussjonijiet li kienu saru bejnietna kien jidher li ser naslu fi ftehim fis-sens li l-intimat kien se jaghtiha dak dovut lilha biex b'hekk hi imbaghad tkun tista tghaddilu kopja tal-kuntratt. Fil-fatt gie anke iffissat appuntament, liema appuntament però thassar ghax kien il-maltemp u l-Avukat Gauci ma setax jinżel Ghawdex

minn Malta. Minn dak in-nhar lil hawn ma sar xejn. Ir-rikorrenti qalet li f'Settembru, 2011 l-intimat reggha mar, flimkien ma martu, l-ufficju taghha fejn reggha intqal diskors dwar il-hlasijiet dovuti minnu iżda peress li hlasijiet baqghu qatt ma saru, hija ma ghaddietx kopja tal-kuntratt relattiv.

Ir-rikorrenti tkompli tghid li hi kellha tallega l-atti li kienet ippubblikat u allura kellha tirregistra dan il-kuntratt u konsegwentement ġiet kostretta thallas it-taxxa hi. Dan kien f'Diċembru, 2011. Wara li gew allegati l-atti taghha ghas-sena 2004, hija baghtet ittra ufficcjali taht l-artikoli tal-ligi tal-166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-intimat, liema ittra ġiet ikkontestata minnu u konsegwentement kellhom isiru dawn il-proceduri.

3. Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012 xehdet in kontro-ezami r-rikorrenti. Hija qalet li dak in-nhar li kien sar il-kuntratt, hija kienet qrat l-istess kuntratt ghall-ewwel fl-ufficju ta' l-Avukat Galea, imbaghad sussegwentement qrat l-istess kuntratt lill-missier l-intimat fid-drive inn ta' l-istess uffiċju u dan peress li missier ir-rikorrenti ma setax jitla it-tarag biex ikun fl-ufficju ta' l-Avukat Galea. Ir-rikorrenti tghid li missier l-intimat kien jidher li ma kienx jiflah fiżikament u ghalhekk hija baghtet lill intimat lil hemm u kienet qaltlu sabiex imur ihallas il-boll u t-taxxa relattiva darb'ohra. Il-boll kellhu jithallas mill-intimat ghax huwa kien qieghed jirċievi donazzjoni minghand missieru.

Mistoqsija wara kemm żmien gie reġistrat dan il-kuntratt, hija qalet li f'dan il-kaz, il-kuntratt gie insinwat madwar tmien snin wara li kien sar, meta fir-rejalta kellhu jiġi reġistrat fi żmien hmistax-il ġurnata minn meta jsir. Il-boll ikun dovut meta jiġi nsinwat il-kuntratt. Peress li l-intimat baqa ma hallasx il-boll u l-*capital gains*, in-Nutar qalet li ġiet f'sitwazzjoni fejn kellha tizborsa dawn l-ammonti hi personalment. Mistoqsija meta jkun dovut il-boll, ir-rikorrenti stqarret li "*dan ikun dovut fuq il-kuntratt. Madanakollu kif diga ghidt il-boll ma thallasx dak in-nhar*" (fol. 52).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Din hija sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni mqanqla mill-intimat li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2149 (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li "*l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni ohra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn*".

5. Ir-rikorrenti qeghda titlob is-somma ta' €2586.23c minghand l-intimat u dan inkwantu ghal €256.23 bhala drittijiet u spejjes tal-kuntratt minnha ippubblikat fit-30 ta' Gunju, 2004 u ghar-rimanenti €2,330 bhala boll dovut skond il-ligi.

6. Ghar-rigward ta' l-ammont ta' €256.23c rappreżentanti drittijiet u spejjes it-Tribunal ftit li xejn ghandu xi jghid salv li r-rikorrenti ma ghandha l-ebda dritt ghalihom stante li d-dritt taghha li titlob dan il-hlas gie preskritt skond il-ligi a tenur ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma rrizultax lit-Tribunal li gie ppreżentat xi att ġudizzjarju mir-rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat sabiex tinterrompi l-perjodu preskrittiv ghar-rigward ta' dan l-ammont.

7. Di piu jinghad, ghar-rigward ta' l-*emails* ippreżentata mir-rikorrenti, ghandu jirrizulta li l-intimat kien inkariga lill-Avukat John Gauci sabiex jikkomunika mar-rikorrenti bil-ghan li huwa jirranġa maghha fuq din il-kwistjoni. Fil-fatt, insibu li a fol. 41 hemm email datata 16 ta' Frar, 2011 mibghuta mir-rikorrenti lil Avukat Gauci ghan-nom ta' l-intimat, fejn ir-rikorrenti kitbet hekk "*May I ask what is the purpose of this meeting? Because if Client is not coming to settle pending matter then there is no point in meeting at all...*" u bi tweġiba ghal din l-email, l-Avukat Gauci dak-in-nhar stess kiteb "*the aim, as per previous emails and telcons, is to settle*". L-intimat, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid li dan il-kliem bl-ebda mod ma kien qieghed ifisser xi rikonoxximent tad-debitu jew xi rinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

8. Huwa maghruf li l-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx l-effikacja li jinterrompu l-preskrizzjoni, jew l-effikacja ta' rikonoxximent tad-dejn; ghaliex proposti simili jsiru minghajr preġudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti (ara **Neg. Carmelo Chetcuti et vs Neg. Costantino Balzan et** - Vol. XXXIV/i/326).

9. Ukoll, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Agency Limited noe vs Oliver Ruggier** deciza fit-3 ta' Novembru, 2004 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[1] "*Jibda biex jigi puntwalizzat illi similment ghar-rinunzja tacita ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-assunzjoni tar-responsabilita` ma tistax tingibed hlief meta ma jkun jezisti l-ebda dubbju li l-konvenut ried hekk. Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt f' diversi sentenzi, "l-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx effikacja li jinterrompu l-preskrizzjoni, jew l-effikacja tar-rikonoxximent tad-dejn ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti*" (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 326**). "*Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwestjonijiet reciproci b' xi transazzjoni jew b' mod bonarju. Huwa notorju li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta' xi ftehim huwa dejjem minghajr pregudizzju*" ("**Giovanna Mifsud *nomine et* -vs- Rosaria Felice Gay**", Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1972; "**Joseph Chircop *et* -vs- Salvatore Muscat *nomine***", Appell, 28 ta' April 2000);

10. Imiss issa li jiġi deċiż ukoll jekk l-ammont ta' €2,330 imhallas mir-rikorrenti fit-28 ta' Dicembru, 2011 (fol. 10) bhala taxxa tad-dokumenti fuq il-kuntratt ippubblikat mir-rikorrenti fit-30 ta' Gunju, 2004 (fol. 5).

11. Jirrizulta lit-Tribunal li dan l-ammont dam seba' snin u nofs biex jithallas mid-data tal-kuntratt proprju l-ghaliex r-rikorrenti kienet qed tistenna lill-intimat ihallas dak dovut minnu skond il-ligi fuq il-kuntratt ta' donazzjoni li kien sar

[1] Per Imhallef Philip Sciberras (App. Nru. 107/2002/1).

bejnu u bejn il-genituri tieghu. Jirrizulta ukoll li n-Nutar rikorrenti kien jenhtigielha tallega l-atti li kienet ippubblikat ghas-sena 2004 u dan sabiex tkun hi stess konformi mal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55). Ghalhekk, tkompli tghid ir-rikorrenti, hija kienet kostretta thallas din it-taxxa u ghamlet hekk fit-28 ta' Dicembru, 2011.

12. Insibu fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 49 tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti) li "*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 50, **il-persuna li tittrasferixxi** b'trasferiment inter vivos u **dik li takkwista** bit-trasferiment, u meta t-trasferiment jiġi magħmul b'att pubbliku jew fil-każ ta' dikjarazzjoni magħmula skont l-artikolu 33, **in-nutar li jippubblika l-att relattiv**, **għandhom ikunu responsabbli in solidum għall-ħlas tat-taxxa dovuta fuq dak it-trasferiment jew att***" (sottolinejar u enfazi tat-Tribunal). Skond ma jirrizulta minn dan l-artikolu tal-ligi, n-Nutar (ir-rikorrenti odjerna) ikun responsabbli in solidum mal-partijiet fuq kuntratt ta' trasferiment inter vivos (bhal ma hu l-kaz tal-kuntratt odjern). Dan qed jinghad l-ghaliex l-artikolu 2158 tal-Kapitolu 16 jghid li "*Il-peskrizzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 2147 sa l-2157, jistgħu wkoll jiġu eċċepiti kontra dak li jkun ħallas għad-debitur,* ***minbarra*** *minn meta l-ħlas ikun sar fuq talba tad-debitur innifsu, jew bi ftehim mad-debitur innifsu, jew meta dak li ħallas kien, bħala garanti, jew bħala debitur in solidum, jew għal skopijiet oħra jew għal raġunijiet oħra, obbligat iħallas*" (sottolinejar u enfazi tat-Tribunal).

13. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti kienet debitur in solidum mal-intimat ghal hlas tat-taxxa fuq il-kuntratt minnha ppubblikat u li r-rikorrenti kienet obbligata li thallas dan l-ammont l-ghaliex inkellha tkun qed tikkommetti reat (ex artikolu 50 tal-Kap. 364). Ghalhekk, ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern l-artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 u t-Tribunal sejjer jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq l-ammont imhallas minn Nutar bhala taxxa fuq id-dokumenti. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Penza et vs Publia Busuttil** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Gunju, 1964 (Vol. XLVIII/i/422) inghad,

b'referenza ghall-artikolu 2158 tal-Kap. 16 li "*... minn dana jidher li terza persuna ma tistax teccepixxi l-preskrizzjoni meta dak li hallas (l-atturi) huwa obbligat ihallas jew bhala debitur solidali jew ghal raġunijiet ohra, u ghalhekk, billi l-atturi bhala konsorti u koeredi kienu tenuti ghall-pagament tat-taxxa solidalment, skond kif gie ritenut mill-Qrati taghna fuq l-iskorta ukoll tal-Gurisprudenza estera, ma tistghax tinghata kontra taghhom il-preskrizzjoni ta' hames snin, iżda dik iżjed twila ta' tletin sena (Kollez. XXIX/i/669*[2]*; XXIV/i/613); 'questo diritto di ripetizione e' un diritto ordinario di credito, soggetto percio non alla breve prescrizione di cinque anni ma alla trentennaria' (App. Perugia, 24 Feb. 1881)*" (fol. 425 ta' l-imsemmi Volum XLVIII/i/422).

14. Ukoll, fil-kawza fl-ismijiet **Saviour sive Aldo Portelli vs Frederick Cauchi Inglott** – deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Gunju, 2005 per Imh. Philip Sciberras[3], b'referenza ghall-artikolu 2158 tal-Kapitolu 16, inghad li:

"*Huwa desunt minn dan id-dispost illi ghalkemm fil-ligi taghna dritt ordinarju ta' kreditu hu preskrivibbli zmien hames snin, pero`, in virtu ta' l-Artikolu 2158 il-preskrizzjonijiet qosra, kompriza dik ta' hames snin, mhumiex eccepibbli kontra min hallas ghad-debitur, ghax hekk obbligat. Iffisser illi ghalkemm min ihallas ghal haddiehor bhala ko-obbligat jigi surrogat fid-drittijiet u azzjonijiet tal-kreditur principali dan ma jfisserx illi kontra tieghu tista' tigi opposta l-istess preskrizzjoni li kienet tkun tista' tigi opposta lill-kreditur*"

15. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 mqanqla mill-intimat limitatament ghar-rigward ta' l-ammont ta' €256.23c rappreżentanti drittijiet u spejjes tar-rikorrenti ghar-rigward tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt datat 30 ta' Gunju, 2004, qieghed jichad din l-istess eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a

[2] Reverendu Gio Maria Farrugia noe vs Faustina Ellul – Qorti ta' l-Appell, deċiża fis-27 ta' Mejju, 1936;
[3] Appell Civili Numru. 2465/2003/1

tenur ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 ghar-rigward tal-kumplament ta' l-ammont ta' €2,330 rapprezentanti taxxa fuq il-kuntratt ippubblikat fit-30 ta' Gunju, 2004.

L-ispejjez jibqghu riservati ghal ġudizzju finali.

It-Talba qeghda tiġi differita ghat-18 ta' Ottubru 2013 fis-1.30pm.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------